MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 170/2010

**Flower Power Limited (C9400)**

**Vs**

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu esponiet is-segwenti:-

"*Illi permezz tar-rikors numru 334/2009 fl-ismijiet* ***Mobisle Communicaitons Limited vs Flower Power Limited****, is-socjeta' Mobisle Communications Limited talbet illi s-socjeta' esponenti tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlett elef seba' mija w tlettax-il euro u sebgha u erbghin centesmu (€3,713.47) bilanc ta' prezz allegatament dovut*

*in konnessjoni ma' servizzi rezi in segwitu' w skond Client Contract Number 1020234 fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009;*

*Illi permezz ta' sentenza moghtija fit-2 ta' Dicembru 2009, li kopja taghha qed tigi hawn annessa, esebita w immarkata bhala dok A fl-istess ismijiet* ***Mobisle Communications Limited vs Flower Power Limited****, dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tas-socjeta' Mobisle Communications Limited wara illi, inter alia, ikkonstatat illi s-socjeta' esponenti baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata, u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem l-istess Qorti.*

*Illi mill-atti processwali u senjatament mir-riferta relattiva ghan-notifika tas-socjeta' esponenti fi-proceduri tar-rikors numru 334/09 fl-ismijiet fuq indikati jirrizulta li n-notifika ta' l-Avviz imsemmi kif ukoll ta' l-avviz tas-smigh tal-kawza relattiva saret gewwa l-indirizz 'Flower Power' The Nursery, Ta' Qali, li mhuwiex l-indirizz registrat tas-socjeta' esponenti, izda jirrizulta li huwa l-indirizz fejn topera s-socjeta' Flower Power (Sales) Limited li ma ghandha l-ebda rabta mas-socjeta' esponenti;*

*Illi l-indirizz registat tas-socjeta' esponenti jinsab gewwa 'The Croft', Triq il-Kappar, H'Attard u l-istess socjeta' ma ghandha l-ebda konnessjoni ma' l-indirizz li fih effettivament saret in-notifika tal-proceduri tar-rikors numru 334/09;*

*Illi ghalhekk is-socjeta' esponenti qatt ma setghet issir taf bil-proceduri in kwistjoni u huwa appuntu ghal din ir-raguni illi s-socjeta' esponenti qatt ma dehret fis-smiegh tar-rikors fl-ismijiet premessi, u qatt ma gew prezentati atti processwali minnha jew ghan-nom taghha fil-process tas-smigh ta' l-istess Avviz;*

*Illi s-socjeta' esponenti saret taf bl-ezistenza tas-sentenza tat-2 ta' Dicembru 2009 moghti minn dina l-Onorabbli Qorti kif fuq premess, ferm wara li kien ghalaq it-terminu akkordat mil-ligi gjhall-appell u dan waqt zjara li ghamlu Malta bejn l-14 ta' Frar 2010 u s-26 ta' Frar 2010 iz-zewg*

*diretturi ta' l-istess socjeta, li jghixu permanentement gewwa l-Awstralja u jigu Malta biss sporadikament darba fis-sena.*

*Illi ghalhekk jirrizulta illi r-rikors Numru 334/09 fl-ismijiet* ***Mobisle Communicaitons Limited vs Flower Power Limited*** *ma giex notifikat validament skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta lis-socjeta' esponenti, bhala l-parti telliefa fis-smiegh ta' l-istess rikors in kwistjoni quddiem dina l-Onorabbli Qorti, u in oltre l-istess socjeta' esponenti qatt ma dehret fis-smiegh ta l-istess rikors u dina kif previst mid-disposizjonijiet ta' l-Artikolu 811 (b) ta' l-istess Kapitolu 12."*

Ghaldaqstant l-istess socjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

"1. *Thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fit-2 ta' Dicembru 2009 fl-ismijiet* ***Mobisle Communications Limited vs Flower Power Limited*** *u;*

*2. Konsegwentement tordna ir-ritrattazzjoni tar-rikors numru 334/09 fl-istess ismijiet* ***Mobisle Communicaitons Limited vs Flower Power Limited****, u dan stante illi kif fuq premess jezistu r-ragunijiet ikkontemplati mil-ligi ghar-ritrattazzjoni skond l-Artikolu 811 (b) tal-Kodici ta' Procedura u Organizazzjoni Civili.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' Mobisle Communicaitons Limited li tibqa' ingunta ghas-subizzjoni*."

Rat ir-risposta tas-socjeta' Mobisle Communications Limited fejn esponiet is-segwenti:-

"1. *Ili d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi n-notifika in kwistjoni hija legali u valida u ghalhekk id-domandi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess .*

*2. Salv eccezzjonijiet ultejuri."*

Semghet lil **Lea Caffari** tixhed nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Gunju, 2010 in rappresentanza tas-socjeta' MFSA u tesebixxi l-Memorandum and Articles tas-socjeta' Flower Power Limited C 9400, li gie mmarkat bhala Dok FP. Spjegat li din is-socjeta' giet registrata maghhom fid-9 ta' Frar 1988 u r-registered office taghha kien in-Nursery Site, Ta Qali. Tghid li sussegwentement dan inbidel, fl-20 ta' Frar 1988, u r-registered office taghha sar MFP, The Nursery Site, Ta Qali. Ghal darb' ohra dan inbidel fis-6 ta' Novembru 2002, u sar "The Croft", Triq il-Kappar, Attard u fil-fatt l-indirizz taghha ghadu hekk sa llum.

Semghet lil **Rodlene Zarb** tixhed fil-5 ta' Lulju 2010 u tikkonferma li tahdem f'*catering establishment* gewwa Tas-Sliema, u li kienet bdiet dan l-impjieg fit-12 ta' Mejju tas-sena 2010. Qalet li qabel din id-data kienet tahdem mas-socjeta' Flower Power Sales Limited u kienet bdiet l-impjieg taghha ma' din is-socjeta f'Awwissu 2007 u waqfet f'Ottubru 2008 minhabba nuqqas ta' xoghol. Wara qalet li f'Awwissu 2009 kien cemplilha l-imghallem taghha certu Jason Sammut, u kien talabha jekk xtaqitx terga' tibda tahdem maghhom.

Murija pagna 5 tal-process fl-ismijiet "Mobisle Communications Limited vs Flower Power Limited" (Avviz numru 334/09), tikkonferma li l-firma fu il-*pink card* hija taghha. Qalet li l-postman kien mar fuqha f'Settembru 2009 ghaliex hija kienet *front desk* u talabha tiffirma. Hija staqsietu jekk kinitx ser tigi f'xi *trouble* u dan wegibha fin-negattiv. Qalet li hija kienet tahdem mas-socjeta' Flower Power Sales Limited u l-ufficju taghhom kien f'Ta' Qali.

Semghet lil **Nicholas Sammut** jixhed fil-5 ta' Lulju 2010 u dan fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' Flower Power Limited. Qal li huwa kien ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Qal li din is-socjeta' ma toperax u l-ufficcju taghha huwa ghand l-Accountant tieghu fi Triq il-Kappar, H'Attard. Qal li din hija *Holding Company*.

Kompla jghid u spjega illi huwa ghandu wkoll *fifty per cent shareholding* gewwa s-socjeta' Flower Power Sales, pero' mhux direttur fiha u posizzjoni ta' kontroll fiha m'ghandux. Cahad li jmur fil-post minn fejn topera, u cioe' The Nursery Site gewwa Ta' Qali. Qal li jaf li hemm kwistjonijiet bejn is-socjeta' Flower Power Limited u Flower Power Sales Limited u dawn il-kwistjonijiet jinsabu pendenti l-Qorti. Qal illi huwa qatt ma ra lil Rodlene Zarb u ghalhekk wisq inqas li qatt ma seta' taha xi struzzjonijiet sabiex tircievi xi atti tas-socjeta' Flower Power Limited ghan-nom tieghu. Qal li m'hemm l-ebda konnessjoni bejn is-socjeta' Flower Power Limited u l-post minn fejn topera s-socjeta' Flower Power Sales Limted. Huma zewg socjetajiet separate w distinti. Qal li sa fejn jaf hu s-socjeta' Flower Power Limited qatt ma nnegozjat mas-socjeta' Mobisle Communications Limited, u sa gejn jaf hu qatt ma rcieva xi dokumentazzjoni minghandha. Jiftakar li sar jaf bil-kwistjoni bejn is-socjeta' Mobisle Communications Limited u s-socjeta' Flower Power Limited, meta kien ircieva telefonata minghand xi *debt collection company* fejn kien gie mgharraf li s-socjeta' Flower Power Limited kellha xi dejn mas-socjeta' Mobisle Communications Limited. Ikkonferma li s-socjeta' Flower Power Limited m'ghandhiex telephones registrati f'isimha, ghalkemm huwa ghandu mobile phone tieghu personali mas-socjeta' GO u l-kuntratt kien iffirmah hu personalment snin ilu u kellu n-numru telefoniku ta' 79523242.

Rat id-dokumenti esebiti fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2010 u cioe' z-zewg dokumenti dwar *company details* tas-socjeta' Flower Power Limited u dik tas-socjeta' Flower Power (Sales) Limited.

Rat ukoll il-process tal-kawza **Mobisle Comunicaitons Limited vs Flower Power Limited** (Avviz Numru 334/09 CSH ).

Ikkunsidrat:-

Illi mil-lat legali, jidher li t-talbiet in ezami huma bbazati fuq l-**Artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid illi kawza deciza finalment tista' tithassar u tigi

ritrattata *"jekk ic-citazzjoni (jew avviz) ma tkunx giet notifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza"*.

Illi minn ezami tal-processs fl-ismijiet **Mobisle Communications Limited vs Flower Power Limited** (Avviz Numru 334/09CSH) jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet innotifikat lis-socjeta' konvenuta bis-smiegh tal-avviz fl-indirizz muri fuq il-*pink card* a fol. 5 tal-process, u cioe' fi Flower Power Garden Centre, Triq Durumblat, Mosta u li n-notifika relattiva thalliet f'idejn certu Rodlene Zarb.

Jirrizulta mill-process in d'esamina li Rodlene Zarb ma kinitx impjegata mas-socjeta' Flower Power Limited izda mas-socjeta' Flower Power (Sales) Limited. In oltre jirrizulta li s-socjeta' Flower Power Limited hija socjeta' distinta mis-socjeta' Flower Power (Sales) Limited, kemm skond ix-xhieda moghtija minn Nicholas Sammut kif ukoll kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti mis-socjeta' rikorrenti fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2010. Jidher li z-zewg socjetajiet huma distinti w ghandhom l-ufficcju registrat taghhom f'indirizzi differenti.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax taccetta li n-notifika li saret ghand Rodlene Zarb, impjegata tas-socjeta' Flower Power (Sales) Limited, ghandha jkollha effett fil-konfront tas-socjeta' Flower Power Limited.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li t-talba tas-socjeta' rikorrenti ghandha tigi milqugha, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' ntimata. Tordna wkoll li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri odjerni jithallsu mis-socjeta' ntimata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------